KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**10 ta' Jannar, 2011**

**LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM**

Il-Hamsa u tletin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Gimgħa, 14 ta' Jannar, 2011 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-***5.00 ta' wara nofs in-nhar.*** Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

**AGENDA**

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Rendikont '*Bethlehem f'Għajnsielem 2010 – 2011'*
5. Devoluzzjoni tal-art ta' Passi
6. *Mixed household waste* Tender
7. *Memory of Understanding* – Kunsill tal-Mellieħa
8. Minuti tal-laqghat – Mozzjoni Joe Camilleri *(b'email fit-23 ta' Novembru)*
9. Ikla tal-Milied
10. Materji ohra

**Grazzi u tislijiet,**

A. Cauchi

**Amanda Cauchi**
**Seg. Ezekuttiv**

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tal-hamsa w tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Tnejn, 17 ta' Jannar, 2011, fis-3.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta' bidu ghal-laqgha. Is-Sindku, f'isem il-familja tieghu irringrazzja lil-Kunsill kollu tas-sapport li wera mieghu fiz-zmien ta' meta kienet ommu l-isptar, u ghal attendenza taghhom fil-funeral taghha nhar il-Gimgha. Kien propju minhabba l-funeral li l-laqgha fl-14 ta' Jannar giet mhassra. Huwa kompla jghid li ghada, it-Tlieta ser ikun hemm il-Funeral tal-Mons. Dun Guzepp Zerafa fejn il-korp tieghu ser ikun espost minn filghodu fid-dar tieghu. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill kollu ghandu jmur u jaghti l-ahhar tislima lill-Monsinjur fid-dar tieghu u wara jattendi ghal funeral li ser jitlaq b'korteo bil-banda mil-Knisja l-qadima ghal Knisja Arcipretali. Kulhadd qabel ma dan u ftemhu li jiltaqghu fl-ufficcju tal-Kunsill fil-11.30am.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Is-Sur Joe Camilleri ma qabilx li fil-minuti gie mnizzel assenti. Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li bil-ligi l-gdida kull Kunsillier jista jitnizzel jew assenti jew prezenti. Jitnizzel skuzat biss fuq qbil tal-Kunsill fil-korrezzjoni tal-minuti fil-laqgha ta' wara, dejjem jekk il-Kunsillier ikun mexa mal-procedura tal-ligi, u javza lis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-laqgha.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - Programm gdid fuq NET TV minn Ghawdex – il-Kunsill qabel li jippartecipa u jigi diskuss ic-Centru Civiku l-gdid.
   - Arka Respite Centre – peress li l-Arka ser taghlaq 10 snin mill-ftuh tac-centru, huma qed jitolbu lil kull Kunsill biex jorganizza attivita b'risq il-fondazzjoni Arka, bhala mezz biex jingabru ftit donazzjonijiet. Il-Kunsill iddecieda li jorganizza attivita` ghat-tfal fil-playingfield Amabile Cauchi.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

- Ta' Passi – ittra mill-Avukat Edward Fenech, f'isem Fenech & Fenech Associates, fejn dan qed jikteb ghan-nom tal-klienti tieghu, is-sinjuri Degabriele u Schembri Wismayer. L-ittra tghid li parti mill-art Ta' Passi hija tal-klienti tieghu, u qeghdin jipprojbixxu lil-Kunsill jaghmel uzu min din l-art ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem u uzu iehor. Is-Sindku spjega kif din l-art qatt ma ntmesset mill-Kunsill, u qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv biex tirrispondi l-ittra, b'*site plan* mehmuza, fejn turi li l-art li tintuza ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem m'hiex tas-sinjuri Degabriele u Schembri Wismayer izda art tal-Joint Office. Is-Sindku qal li dan jista jixdhu l-bidwi li jahdem ir-raba tal-klienti ta' l-avukat Edward Fenech.

- Applikazzjoni ghal-mobile kiosk – ittra mill-AKL fejn turi li dan il-permess gie mgedded.

- Transport Malta – double yellow line – Triq Fuq l-Ghajn – dan gie approvat

- Festa Gemellaggi – ser issir konferenza organizzata mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn qed tistieden lokalitajiet gemellati mal-Kunsilli lokali ta' Malta u Ghawdex, fejn jistghu jattendu ghaliha 5 persuni min kull lokalita' gemellata. Is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li diga kienet baghtet *email* lis-Sindku s-Sur Alessandro Battillocchio u lil-Kunsill ta' Tolfa b'din il-konferenza fejn dawn urew interess li jattendu ghal din il-konferenza.

- Tolfa – il-Kunsill iddecieda li japplika ghal-finanzi biex imur Tolfa f'Settembru, 2011

- PV – is-Sindku spjega kif twahhlu l-panelli fotovoltaci fuq ic-Centru Civiku. L-Invoice mill-Alberta li nghatat it-tender hi ta' €9, 500. Il-Kunsill fadallu jdahhal €5,000 euro ohra mid-Dipartment ghall-Gvern Lokali ghal-dan ir-rigward.

- M.E.U.S.E.U.M – il-Musew tan-Nadur ghadu kemm ippubblika ktieb, u nforma lil-Kunsill biex jekk hu nteressat jixtri dawn il-kotba. Il-Kunsill iddecieda li nixtru tlieta ghal-librerija u ghall-ufficcju tal-Kunsill.

- Reklam fuq Yellow Pages – il-Kunsill iddecieda li jibqa imnizzel fuq il-yellow pages kif qieghed prezentament.

- MEPA – is-Sindku ta' rendikont tal-permessi u l-applikazzjonijiet godda kif ukoll *enforcement notices* li saru ricenti lill-MEPA fir-rahal t'Ghajnsielem

4. Bethlehem f'Ghajnsielem

Is-Sindku ta rendikont ta' Bethlehem f'Ghajnsielem 2010-2011, fejn qal li l-progett kollu kien success mill-aqwa ghal din is-sena. Is-Sindku kompla jghid li din is-sena l- attendenza ta' Maltin li qasmu l-fliegu biex jzuru Bethlehem f' Ghajnsielem kien ta' record assolut. L-attivita' tat-tlett Slaten Magi li telqu mir-rahal tal-Mellieha kienet verament ideja tajba fejn attirat eluf ta'

vizitaturi. Is-Sindku qal li issa li din l-attivita ntemmet b'success iehor, kien ta' l-opinjoni li ssir laghqa bejn il-Kunsill, il-Fondazzjoni u l-volontarji biex janalizzaw l-andament ta' kif mar il-progett u jibdew jsiru l-pjanijiet minn issa ghall-attivita ta' Dicembru li gej. Kullhadd qabel mal-proposta. Il-laqgha ghandha issir it-Tnejn 24 ta' Jannar, 2011, fl-4pm.

5. Devoluzzjoni tal-Art ta' Passi

Is-Sindku qal li x-xoghol fuq l-applikazzjoni ghal-devoluzzjoni ta' din l-art hu lest u kull ma fadal li jitlestew l-*final accounts* tas-sena 2010. Dawn, flimkien ma l-applikazzjoni jintbaghtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond il-procedura.

Is-Sindku spjega kif issa wasal iz-zmien li ssir l-applikazzjoni mal-MEPA fuq ir-*recreational park* f'Ta' Passi. Peress li l-fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem applikaw ukoll ghal fondi tal-Eko Ghawdex ghal-zvilupp ahjar fis-sit. Is-Sindku stqarr li tkun idea tajba li ssir laqgha mal-perit, flimkien mal-fondazzjoni biex l-applikazzjoni mal-MEPA tkun mimlija flimkien. Il-Kunsill qabel li jiltaqa mal-perit Scerrri t-Tnejn 24, ta' Jannar, 2011 fit-3.00pm u anke gie deciz li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-perit jaghmlu appuntament mal-*case officer* li ser ikun qed jahdem din l-applikazzjon sabiex jiccaraw certu affarijiet qabel ma ssir l-application lill-MEPA.

6. Mixed household Waste tender

Is-Sindku ta rendikont fuq dan is-suggett mill-ahhar laqgha li ltaqa l-Kunsill, fejn id-Direttur Generali, is-Sur Martin Bugelli ta permess lil-Kunsill li jinnegozja mar-rapprezentanti tal-KIP fuq dan it-tender. Wara diskuzzjoni bejn il-Kunsilliera, il-Kunsill iddecieda li jiltaqa mal-KIP nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar, 2010 fis-2pm.

7. Memorandum of Understanding mal-Kunsill Mellieha

Is-Sindku tal-Mellieha stieden lil-Kunsill t'Ghajnsielem biex ghal-Jum il-Mellieha l-Kunsill t'Ghajnsielem jtellgha xi attivita` kulturali ghal dan il-jum li jahbat fis-27 ta' Frar, 2011. L-attivita` tista tkun sportiva, fejn jistghu jippartecipaw in-*nursuries* u ohrajn fuq skema ta' tournament bejn iz-zewg irhula. Il-Kunsill approva li jippartecipa f'Jum il-Mellieha.

8. Mozzjoni Joe Camilleri

Is-Sur Joe Camilleri qajjem il-punt li l-Kunsill mhux qed ikun informat bil-laqghat sekondarji li xi drabi is-Sindku jew is-Segretarju Ezekuttiv ikollhom ma xi kapijiet tad-Dipartimenti u ohrajn. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li ghal dawn il-laghqat gieli li jkunu mistiedna s-Sindku jew is-

Segretarju Ezekuttiv biss jew it-tnejn flimkien u l-procedura hi li kull meta jkun hemm dawn it-tip ta' laghqat l-andament tal-laghqa jigi spjegat mis-Sindku fil-laghqa tal-Kunsill li jkun imiss.

9. Performance Bonus

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil-prezenti li hi tat ir-rakkomandazzjoni taghha liz-zewg skrivani jinghataw il-full *performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel wkoll li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarju Ezekuttiv tax-xoghol imwettaq tajjeb li ghamlet matul is-sena.

10. Proposed Bye law

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil-prezenti li hija rciviet komunikazzjoni mis-Segretarjat ta' Onor. Chris Said, fejn talbet lil-Kunsill jirtira l-proposta tieghu ghal-Bye Law fuq Kemmuna. Ir-raguni huma li "peress li Kemmuna ma taqax taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali, peress li din il-gżira hi kompetenza tal-Gvern Ċentrali skont Skeda 4 tal-Att, u peress ukoll li kull servizz fuqha mhux jingħata mill-Kunsill Lokali iżda mill-Gvern, il-Kunsill t' Għajnsielem qieghed gentilment jintalab li l-bye law proposta tigi rtirata". Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti, li hija kienet irtirat il-Bye Law.

11. Sajjetta

Is-Sindku nforma lil-prezenti li dahlet sajjetta mil-linja tat-teleforn fl-ufficcju tal-Kunsill fejn ghamlet hafna hsara fil-computers. Is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li kienet kitbet lill-Insurance b'dan il-kaz jekk kienx possibli li l-hsarat li saru kawza t'hekk ikunu jistghu jithallsu mill-Insurance.

12. Ikla tal-Milied.

L-ikla ser isir is-Sibt, 5 ta' Frar, 2010, il-Huan Yuan Restaurant fit-8.30pm.

13. Laqgha tal-Lokalita`

Is-Sindku fakkar li trid issir il-Laqgha tal-Lokalita`. Huwa issugerixxa li ssir nhar il-Gimgha, 18 ta' Frar fl-4pm. Kulhadd qabel ma dan.

14. Leave annwali

Is-segretarju ezekuttiv talbet permess lill-prezenti biex il-*leave* annwali li fadal mis-sena 2010 tal-haddiema klerikali u taghha jigi transferit ma' ta din is-sena. Il-prezenti qablu ma dan.

15. Customer Care

- Quddiem Playingfield tal-Gudja gie qisu *scap yard* bil-vetturi kbar li kienu qed jipparkjaw hemmhekk. Is-Sindku qal li meta l-Kunsill ircieva din l-ittra, kienu cemplu l-ghassa r-Rabat u wara ftit nehhewhom. Gie deciz li nwahlu tabella 'no heavy vehicles' fuq l-area imsemmija.

- Bank fit-Triq Chambrai – il-Kunsill approva li jigi nstallat bank, dejjem jekk joqghod fuq il-bankina quddiem ir-restaurant Kappi.

- Gebel mal-bankina fit-Triq Malta – il-Kunsill qabel li jaghmel minn kollox biex jitnehhew dawn il-gebel u l-kantuni.

- Sleeping police Triq il-Merkanti – il-Kunsill ma approvax li din tinqala peress li din saret fuq talba tar-residenti stess.

16. Materji ohra:

Stephen Mercieca

- Jinxraw zewg settijiet ta' kannen apposta biex jintrabtu r-roti maghhom. Dawn ghandhom jitwahlu quddiem il-kazini tal-Banda u dak tal-Football. Il-Kunsill approva dan.

Joe Camilleri

- Kompetizzjoni tal-presepju u twieqi – is-Sindku stqarr li huwa kien kellem wiehed mill-Ghaqda Ghawdxija tal-Hbieb tal-Presepju biex ikun jista jaghti l-punti ghal dawn il-kompetizzjonijiet. Huwa kompla jghid li ghal-kompetizzjoni tal-presepju applikaw tnejn mir-rahal kollu u ghat-tizjin tat-twieqi applikaw sitta. Il-Kunsill iddecieda li naghtuhom ktieb fuq il-Milied jew Pasturi bhala premji lil min applika ghal-kompetizzjoni tal-presepji. Bhala premji ghal-kompetizzjoni tat-tizjin tat-twieqi il-Kunsill qabel li jinxtraw xi set tad-dwal tal-Milied.

- WIFI – niktbu fuq in-notice board li hemm is-servizz ta' internet b'xejn lil-kommunita.

- Triq Gudja kantuniera ma Triq Hamri – titranga t-tabella tal-one way ghaliex qeghda turi direzzjoni hazina.

Peter Caruna

- Triq Mgarr biex jigi mtawwal double line quddiem ir-residenza tal-familja Xuereb. Il-Kunsill approva dan.

Francis Cauchi

- Is-Sindku irrakkonta li rcieva telefonata mill-OPM fejn qalulu li gejjin Malta erbgha Sindki mill-Palestina, fejn wiehed minnhom huwa s-Sindku ta' Bethlehem. L-OPM offrew li jgibu dawn is-Sindki ghal-laqgha mal-Kunsill t'Ghajnsielem. Aktar dettalji dwar il-programm ghandu jintbaghat aktar tard. Is-Sindki huma ta' Betlehem, ta' Ramallah, ta' Hebron u ta' Jerico.

- Is-Sindku spjega kif l-MCAST ghamlet skema biex ihajru lill-istudenti taghhom jahdmu minn issa sa Gunju li gej, kull nhar ta' Gimgha mit- 8.00am sa 12.00, sabiex jaghmlu xoghol klerikali jew manwali fuq xoghol volontarjat. Huwa kompla jghid li gie avvicinat mis-sinjura Carmen Farrugia li toqghod ix-Xewkija u hi minn Ghajnsielem jekk kienx possibli li t-tifel taghha, Jesmond, jibda jaghmel dan ix-xoghol fl-ufficcju tal-Kunsill. Is-Sindku qal lis-sinjura Farrugia biex tinforma lil-kap ta' l-MCAST biex jaghmel ittra formali lill-Kunsill b'dan. Il-Kunsill approva li jsir dan, bil-patt li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tiltaqa mas-Sinjura farrugia u t-tifel taghha sabiex tiehu l-informazzjoni kolla fuq l-applikant u wara tkun tista tiddeciedi jekk ikunx eligibli jew le. Wara twassal l-proposta taghha ghal approvazzjoni tal-Kunsill.

Larry Buttigieg

- Bins li hemm fil-playingfield Ammabile Cauchi huma ta' periklu – il-Kunsill qabel li jinbidlu.
- Norganizzaw tournament tal-isnooker bhas-sena li ghaddiet – il-Kunsill qabel ma dan.
- Mera Cordina Street – il-Kunsill approva li din tergha tehel.

Il-laqgha ntemmet fit-6.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Gimgha, 18 ta' Frar 2011, fil-5.00pm.

F Cauchi
Francis Cauchi
Sindku

A. Cauchi
Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv